MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 216/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-4 ta' Lulju 2005 li permezz tagħha l-attur ppremetta:

Peress li l-partijiet iżżewġu f'Malta fil-ħdax (11) ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u kellhom tifel wieħed, X li kien addottat minnhom hu mwieled fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li l-hajja miżżewġa tal-kontendenti saret impossibli minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji

gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-attur u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

U peress li l-medjazzjoni bejn il-partijiet ġiet magħluqa u l-attur ġie debitament awtoriżżat sabiex jipproċedi f'din l-istanza (Dok. TI A u B);

U peress li l-attur ġie kkundannat iħallas lill-konvenuta *pendente lite* retta alimentarja għaliha b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) filwaqt li hi taħdem u għandha qliegħ tagħha kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni (Dok. C);

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, tgħid il-konvenuta l-għaliex:

1. M'għandhiex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi minħabba eċċessi, sevizzi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-attur żewġha u minhabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment.

2. M'għandux l-attur jiġi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri X waħdu jew konġuntivament mal-konvenuta salv l-aċċess favur il-konvenuta stabbilit fl-aħjar interess tal-minuri;

3. M'għandhiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja għal wild minuri msemmija u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur dik ir-retta hekk stabbilita, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa;

4. M'għandhiex il-konvenuta tiġi kkundannata tirrifondi lill-attur il-manteniment tagħha li hu ħallasha *pendente lite* b' effett mill-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) previż okkorrendo revoka *contrario imperio* tad-Digriet mogħti f'dik id-data (Dok. C);

5. M'għandhomx jiġu applikati kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonjiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodiċi Ċivili (1984 ed.) *in toto* jew *in parte*;

6. M'għandhiex tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu diviżi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi din l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi data u tordna 'l quddiem, jibqgħu biss a benefiċċju tiegħu, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

7. M'għandhiex tiġi ordnata tirrestitwixxi lill-attur il-beni kollha parafernali tiegħu.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri kollha inkorsi mill-attur kontra l-konvenuta nġunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijet tal-konvenuta ppreżentata fid-19 ta' Awissu 2005 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi l-ewwel talba ta' l-attur għall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero' illi kien l-istess attur illi ġab it-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imġieba ta' l-attur hija tali illi ma jistax jiġi affidat bil-kura u kustodja tat-tfal minuri.

3. Illi t-tielet talba attriċi għall-ħlas tal-manteniment m' hijiex opposta b'dana illi għandu jkun l-istess attur illi jiġi ordnat iħallas il-manteniment għall-bżonnijiet tat-tifel *stante* l-fatt illi l-introjtu ta' l-attur jeċċedi bil-bosta d-dħul perċepit mill-konvenuta.

4. Illi r-raba' talba hija opposta b'dana illi r-retta alimentarja stabbilita fid-digriet tal-1 ta' Diċembru 2004 huwa wieħed ġust u jirrifletti l-bżonnijiet tal-konvenuta u tat-tifel minuri tal-kontendenti u għalhekk il-konvenuta m'għandha tirrifondi xejn lura.

5. Illi l-ħames talba hija opposta *stante* l-fatt illi kien l-istess attur illi ġab it-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ tal-kontendenti u għalhekk m'hemmx lok għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi ċitati mill-attur u *di piu'* l-attur ddekada minn porzjoni sostanzjali tal-ġid komuni.

6. Illi t-talba għall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti m'hijiex opposta b'dan pero' illi jiġi ppruvat liema huma l-oġġetti dotali jew parafernali ta' l-attur, u b'riserva fis-sens illi l-konvenuta ma hijiex fil-pussess ta' kwalunkwe ġid partikolari ta' l-attur, b'riserva ulterjuri illi f'każ illi l-attur jiġi eventwalment dikjarat li ddekada mid-dritt tiegħu fl-akkwisti magħmula prinċipalment bil-ħidma tal-konvenuta, tali dekadenza tiġi applikata fid-diviżjoni eventwalment ordnata billi jiġu identifikati l-oġġetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-attur jiġi misjub li kien ħati tal-firda.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li biha qalet bil-qima:

Billi l-konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruħha miċ-ċitazzjoni ppreżentata kontra tagħha mill-attur u debitament notifikata lilha, sabiex tippreżenta l-odjerna kontro-talba.

Billi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi, insulti, eċċessi u nġurji gravi da parti ta' l-attur.

Billi l-konvenuta hija ntitolata illi tippreżenta din l-istanza in vista tad-digriet ta' awtoriżżazzjoni mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Jannar 2005 hekk kif estiż fil-25 ta' Mejju 2005.

Jgħid l-istess attur għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-attur u għall-finijiet ta' l-Artikolu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess attur għandu jkun ikkunsidrat li kien ħati tal-firda;

2. Tawtorizża lil konvenuta illi tgħix flimkien mat-tifel separatament mill-attur żewġha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri X, tiġi fdata lill-konvenuta salv l-aċċess ta’ l-attur f’dawk il-ġranet u ħinijiet iffissati minn dina l-Qorti;

4. Tikkundanna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuta martu, għaliha u għall-imsemmi tifel minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tiġi hekk iffissata mill-istess Qorti, skond il-meżżi ta’ l-attur u l-bżonnijiet tal-konvenuta, pagabbli mill-attur lill-istess konvenuta martu fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuta, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex il-konvenuta tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attur;

5. Tapplika kontra l-attur interament jew in parti, id-dispożizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16);

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jiġu maqsuma f’żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess attur għandu jkun kunsidrat li minnha kien ħati tal-firda, liema porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda lill-konvenuta u l-oħra lill-istess attur billi, okkorrendo għall-finijiet ta’ din it-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ diviżjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attur jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha parafernali tagħha;

8. Tordna illi d-dar taż-żwieġ tiġi okkupata esklussivament mill-konvenuta;

9. Tawtorizza lill-konvenuta illi tirreġistra *ossia* tniżżel fir-reġistru pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk inkorsi fil-proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-attur illi huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijet ta' l-attur prezentata fis-17 ta' Novembru 2005 li biha rrisponda bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba tagħha in kwantu li jimputaw xi tortijiet kontra l-eċċipjent rikonvenzjonat huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

2. Illi l-esponent jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti iżda mhux minħabba tortijiet imputabbli lilu skond kif mitlub minnu biċ-ċitazzjoni tiegħu u għaldaqstant l-artikolu 48(c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux japplika fil-konfront tiegħu.

3. Illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti ġiet reża mpossibli minnha sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi kontrih mill-attriċi kif u / jew minħabba li tkissret irrevokabbilment.

4. Illi t-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenuta in kwantu li l-koabitazzjoni bejn il-partijiet tiġi terminata m'hix opposta filwaqt li l-eċċipjent jopponi għat-talba li t-tifel jgħix unikament mal-konvenuta.

5. Illi t-tielet talba rikonvenzjonali tal-konvenuta hija opposta *stante* li mhux fl-interess tal-minuri li jiġi fdat fil-kura u kustodja tagħha kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

6. Illi r-raba' talba rikonvenzjali tal-konvenuta hija opposta in kwantu li l-konvenuta m'hijiex intitolata għal ebda manteniment mill-attur, ratealment jew globalment u hu jagħmel referenza għat-talbiet tiegħu dedotti fiċ-ċitazzjoni għall-manteniment mill-istess konvenuta. Hi

dejjem uriet li kienet kapaċi li taħdem u fil-fatt dejjem ħadmet u tista’ taqla’ għixien diċenti li jrendiha finanzjarjament indipendenti. Rigward il-manteniment mitlub għal minuri l-istess konvenuta għandha tkun responsabbli hi ukoll għall-hlas ta’ sehemha mill-ispejjeż kollha għall-manteniment ta’ binhom.

7. Illi l-ħames talba rikonvenzjonali tal-konvenuta hi infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi wkoll miċħuda.

8. Illi hemm qbil li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-kontendenti tiġi xjolta u likwidata u għal dan l-iskop jiġu likwidati u akkreditati favur l-eċċipjent ukoll l-ispejjeż, infieq u benefikati li saru mill-kontendenti fid-dar matrimonjali, id-dħul mill-kirjiet tal-beni parafernali tal-konvenuta u għandha tagħti wkoll rendikont tad-dhul tagħha kollu, u likwidazzjoni u rifużjoni lilu tal-manteniment li ħallasha għaliha u ta’ l-ispejjeż li ħallas għall-assikurazzjoni tagħha, sabiex l-eċċipjent jieħu sehmu skond il-Liġi. Ukoll l-istess konvenuta għandha tikkommina fid-dekadenzi komtemplati bil-Liġi u l-eċċipjent jagħmel riferenza għat-talbiet tiegħu dedotti fiċ-ċitazzjoni.

9. Illi l-esponent m’għandu ebda oġġetti parafernali jew dotali appartenenti lill-konvenuta u għalhekk is-seba’ talba tagħha għandha tiġi hekk miċħuda.

10. Illi ma hemmx oġġezzjoni għat-tmien talba tal-konvenuta *purche’* l-eċċipjent jitħallas ta’ sehmu skond il-Liġi mill-ispejjeż u benefikati li saru f’din id-dar u jiġi ikkumpensat għal kwalsiasi dritt ieħor lilu spettanti, inkluż id-drittijiet tiegħu ta’ lokazzjoni.

11. Illi hemm qbil fuq id-disa’ talba rikonvenzjonali tal-konvenuta.

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

13. Illi l-eċċipjent m’għandu jbati ebda spejjeż ta’ dawn il-proċeduri u tal-kontro-talba.

Semgħet id-diversi xhieda;

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-verbali tas-seduti li nstemgħu quddiem il-perit legali li eventwalment kellu l-inkarigu tiegħu terminat, kompriżi wkoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;.

Ikkunsidrat;

Illi oriġinarjament din kienet kawża ta' separazzjoni bejn il-partijiet iżda permezz ta' sentenza mogħtija fil-14 ta' Diċembru 2007 iż-żwieġ ġie dikjarat null u għalhekk neċessarjament uħud mit-talbiet ta' l-attur ma baqgħux rilevanti. L-ewwel u l-ħames talba attriċi għalhekk ġew sorvolati b'dik is-sentenza u għalhekk il-Qorti m'għandhiex għalfejn la tippronunzja s-separazzjoni u lanqas tidħol fil-kwistjoni ta' min kien it-tort għall-istess għalkemm l-attur ma qabilx ma' dan fin-nota ta' sottomissjonjijiet tiegħu. Il-Qorti ma tarax għaliex għandha toqgħod tiddelibera fuq dan ladarba ma hemmx lok ta' separazzjoni fi żwieġ li ġie annullat.

L-attur pero talab ukoll il-kura u kustodja tal-minuri iben il-partijiet, il-ħlas ta' l-alimenti għall-minuri, rifużjoni ta' alimenti u xoljiment u qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti u restituzzjoni ta' l-oġġetti parafernali.

**Kura u kustodja**

Il-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ħabbtet ħafna lill-Qorti, li kellha quddiemha diversi rikorsi f'dan ir-rigward. *Oltre* dan, il-Qorti semgħet lill-minuri diversi drabi u mhux dejjem ħadet l-istess impressjoni. L-aħħar puntata ta' din il-kwistjoni kienet fis-sens li t-tifel li llum huwa adolexxenti qed jgħix ma' l-attur b'aċċess ristrett. Madankollu dan ma jidhirx li kellu effett pożittiv fuq it-tifel u jekk wieħed jeżamina r-rekords skolastiċi jinduna li mar lura sew, għall-inqas f'dan l-aspett. Jekk imbagħad wieħed jeżamina l-aħħar nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur, dan ma semma xejn il-kwistjoni tal-kura tat-tifel u jidher li moħħu biss fl-aspett monetarju tal-kawża! Anke jekk

wieħed jifli l-proċess, jara li dan huwa mimli rikorsi dwar manteniment (da parti ta' l-attur, li dejjem ried inaqqas) u oħrajn dwar kustodja – aktar frott ta' pika milli ta' ħaġa oħra. Mill-banda l-oħra l-konvenuta fil-kors tal-kawża lanqas ma ssodisfat lill-Qorti li hija persuna għal kollox affidabbli f'dan ir-rispett u tidher persuna li tħobb ħafna li l-attenzjoni ta' dak kollu ta' madwarha tkun hi, u hi biss.

*Ormai* l-Qorti jiddispjaċiha tgħid illi issa qatgħet qalbha li t-tifel jista jkollu trobbija kif wieħed jixtieq, u ma għandhiex fuq min iddur bejn il-partijiet. Għalhekk, filwaqt li se tħalli l-kura u kustodja f'idejn l-attur, se tagħti aċċess aktar ampju lill-konvenuta li fir-rigward ta' skola għandha aktar propensita' li tgħin lill-minuri. Il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi attwali tal-konvenuta, għandha tordnalha tħallas manteniment ħlief wieħed nominali għaliex fil-mori tal-kawża hija mardet sew u ma tistax isserraħ moħħha fit-tul li tista' taħdem bi qliegħ – kull qliegħ li tista' tagħmel għandha bżonnu għaliha u l-attur huwa f'pożizzjoni li jmantni lit-tifel sew anke jekk provviżorjament bħalissa l-azjenda li tħaddmu naqqset il-ġranet tax-xogħol.

**Rifużjoni tal-manteniment**

L-attur qiegħed b'insistenza jitlob ir-rifuzjoni tal-manteniment; oriġinarjament huwa għamel din it-talba għaliex fi kliemu l-konvenuta qarrqet bil-Qorti meta m'urithiex li kienet qed taħdem u allura l-manteniment ħaditu fuq premessi foloz. Issa qed jgħid ukoll li ladarba ż-żwieġ huwa annullat, għandu jieħu lura l-manteniment li ħallas.

Fuq dan il-punt il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Josette Vella vs Sebastian Vella"** deċiża fl-10 ta' Ottubru 2003 qalet hekk:

*"Hija regola ġenerali tad-dritt ċivili li l-alimenti jingħataw biex ikun effettivament ikkunsmat mill-kreditur tagħhom għall- għixien u sopravvivenza attwali ta' l-istess kreditur u għalhekk ma jistgħux jintalbu lura. Dan il-prinċipju japplika wkoll fil-każ ta' l-alimenti derivanti miż-żwieġ. Hawnhekk il-pensjoni alimentarja ma tkoprix biss il-bżonnijet*

*strettament neċessarji tal-kreditur iżda hija proporzjonata għall-mezz tal-kreditur.*

*Anke fl-ipotesi li l-appellant ma jkunx obbligat jissoministra manteniment wara d-data tas-sentenza li annullat iż-żwieġ, l-appellant xorta waħda m' għandux dritt jitlob ir-rifużjoni ta' l-alimenti li ħallas pendente lite wara ż-żwieġ ġie dikjarat null. Dan minħabba regola ġenerali msemmija fil-paragrafu preċedenti, liema regola tinsab infatti inkorporata fl-artikolu 22 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:*

*22 (1) Min ikun ta' l-manteniment ma għandux il-jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta' wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għalih ikun obbligat għall-manteniment.*

Għalhekk hu ċar li l-attur m'għandux dritt jitlob lura dawn il-ħlasijiet li għamel.

**Komunjoni tal-akkwisti**

L-attur qed jippretendi diversi pagamenti (paġna 9 tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu) u huwa ċar għall-Qorti li kif jgħidu bl-Ingliż *he wants to have the cake and eat it!* Filwaqt li talab jintradd lura l-alimenti qed jitlob li jitħallas per eżempju nofs il-ħlasijiet ta' kirjiet parafernali tal-konvenuta! Irid ukoll nofs il-ħlas li kienet għamlet ommu (!) għall-*honeymoon*. Iċ-ċirkostanzi jżommu lill-Qorti milli tikkumenta kif tixtieq dwar dawn il-pretensjonijet. Jekk l-attur jixtieq xi ndaġini dwar it-tort għas-separazzjoni l-Qorti se tgħid biss li b'dawn il-pretensjonijiet qed juriha li kull ma ried mill-konvenuta kien biex iġġiblu l-flus u meta s-setgħa tagħha biex tagħmel dan bdiet tmajna beda jfittex toroq oħra f'hajtu. Infatti meta l-partijiet iżżewġu l-attur kien impjegat mal-fondazzjoni li kienet tmexxi l-konvenuta u mhux koinċidenza li meta l-fondazzjoni bdiet sejra lura, l-istess ġralu ż-żwieġ!

Huwa ċar għall-Qorti li l-attur ma jistax f'dawn il-proċeduri jitlob ħlasijiet għal kirjiet minn fondi parafernali tal-konvenuta u rifużjoni tal-flus li ħarġet terza persuna (anke jekk hija ommu) fil-kors ta' din il-kawża. L-istess jingħad dwar flus li ntefqu għad-dar li fuq kollox kienet parafernali

u l-attur kien jgħix fiha b’xejn għal hafna snin! Dwar dan huwa ma qal xejn. Jekk allura għal grazzja ta’ l-argument huwa kellu jieħu xi ħaġa, dan huwa paċut bil-kera li ffranka għal aktar minn għaxar snin.

L-uniku ħlas li għandu dritt għalih l-attur huwa bħala r-rappreżentant ta’ ibnu fuq il-kont ta’ tlett elef ewro ossija BOV Young Savers Account li kien f’isem il-minuri u li ġie żbankat mill-konvenuta. Strettament għalhekk dan għandu jittieħed mill-minuri u għalhekk il-Qorti se tagħti l-provvediment addattat. Ħlasijiet oħra minn *credit cards* u oħrajn saru meta l-partijiet kienu jgħixu flimkien jew qabel ġie dikjarat null iż-żwieġ u allura dawn kienu djun tal-komunjoni ta’ l-akkwisti li kienet għadha viġenti dak iz-zmien *sia pure* eventwalment iż-żwieġ ġie annullat (Artikolu 20 tal-Kap 255).

Jidher ukoll illi l-attur kien ħa miegħu fiż-żwieġ gwardarobba antika, *fridge freezer*, għodda u *hardware* li għadhom fid-dar li kienet dik konjugali li llum toqgħod fiha l-konvenuta, u dawn għandhom jintraddu.(fol 484).

**Il-Qorti, għaldaqstant tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħġu konjizzjoni ta’ l-ewwel u l-ħames talba attriċi *stante* li ż-żwieġ huwa annullat; tilqa’ t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri f’idejn l-attur b’dan li l-konvenuta jkollha aċċess nhar ta’ Erbgħa bejn l-4:00 p.m. u t-8:00 p.m., u nhar ta’ Ħadd bejn l-10:00 a.m. u t-8:00 p.m. u tordna lill-konvenuta tħallas manteniment għall-minuri (sakemm jagħlaq it-tmintax-il sena) fis-somma ta’ erbgħin Ewro (€40) fix-xahar iżda tordna illi deċiżjonijet dwar l-edukazzjoni tal-minuri jittieħdu konġuntivament bejn il-partijiet; tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet b’effett mill-14 ta’ Diċembru 2007, u tordna lill-konvenuta tiddepożita f’bank lokali b’rata fissa f’isem il-minuri s-somma ta’ tliet elef Ewro (€3,000), liema somma għandha issir a dispożizzjoni tiegħu meta jsir maġġorenni. Tordna lill-konvenuta tirritorna lill-attur il-gwardarobba, il-*fridge freezer*, l-għodda u l-*hardware* fuq imsemmija; tiċħad it-talbiet l-ohra; fir-rigward tal-kontro-talba tiċħad it-tielet u s-seba’ talba,**

**tilqa’ għal kull *buon fini* t-tmien talba u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-oħra *stante* l-annullament taż-żwieġ.**

**L-ispejjeż kollha fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------